# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex | t: 2155 6377 | e: info@sangorg.org | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/SanGorg | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00MHz FM Stereo] | t: 2156 5207

## GĦAX NAGĦMLU HEKK? *Il-ġesti tal-Kristjan (3)*

### IS-SINJAL TAS-SALIB

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Qabel is-seklu ħamsa, l-artisti Nsara ma kinux jazzardaw jippreżentaw lil Ġesù msallab, għax is-salib, minbarra li kien meqjus kastig kiefer, kien ukoll sinjal ta' skandlu kbir. Imma sa mill-bidu tal-Knisja s-sinjal tas-salib kien meqjus bħala att ta' fidi fil-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù, il-qofol tal-Misteru tas-Salvazzjoni.

Fil-bidu kienu jagħmlu salib żgħir fuq il-ġbin biex juru li issa l-persuna hi ta' Kristu. Is-salib hu s-sinjal li minnu jingħaraf il-Kristjan. Tul is-sekli dan is-sinjal sar parti minn kull talba u kull sagrament. Tertulljanu fit-tielet seklu jħeġġeġ biex is-sinjal tas-salib isir abitudni (libsa li tilbisha l-ħin kollu), drawwa tal-Kristjan: *"Kull darba li nibdew jew nispiċċaw xi ħaġa, kull darba li noħorġu jew nidħlu fid-dar, xħin nilbsu... xħin noqogħdu mal-mejda, xħin immorru norqdu, f'kull attività, nagħmlu s-sinjal tas-salib"*.

Is-sinjal tas-salib, minbarra li jissiġillana bħala membri fi Kristu, iservi wkoll biex ikeċċi l-ispirtu tal-ħażin li dejjem lest jidħol iħawwad lill-bniedem.

Meta rroddu s-salib, aħna nistqarru li nemmnu fi Kristu li jsalvana u fit-Trinità. Din hi l-iktar talba sempliċi, iżda hi talba ferm qawwija għal min jemmen.



Fis-sinjal tas-salib kif nafuh illum immissu l-ġbin, iż-żaqq, u l-ispallejn filwaqt li nsemmu lit-Trinità. F'din il-mixja simbolika permezz ta' jdejna nkunu qed niġbru l-ħajja tagħna kollha. L-imħabba ta' Kristu fuq is-salib tiġborna ġo fiha bis-sabiħ u bis-sofferenzi tagħna, u tagħtina tama għall-ħajja ta' dejjem.

Meta tagħmel is-sinjal tas-salib, roddu bilmod... Bilmod, minn fuq għal isfel, minn spalla għal oħra. Qed tħoss kif is-salib jgħannqek kollok kemm int?... Fuq is-salib Kristu salvana kollha kemm aħna.

*Kbir Appostlu tal-Knisja ta' Kristu*
*li fil-qlub ridtu jsaltan rebbieħ,*
*int ħarisna biex f'din l-art imbierka*
*jibqa' jiddi d-dawl tiegħek sabiħ!*





INKOMPLU NITGĦALLMU MILL-QUDDIESA

### IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

Ejjew issa nħarsu lejn il-Liturġija tal-Kelma, li hi parti kostituttiva [tal-Quddiesa] għax fiha ninġabru proprju biex nisimgħu dak li Alla għamel u għadu jrid jagħmel għalina. Hi esperjenza li sseħħ "b'mod dirett" u mhux għax smajna biha minn ħaddieħor, għax "meta fil-Knisja tinqara l-Iskrittura Mqaddsa, Alla nnifsu jkun ikellem lill-poplu tiegħu, u Kristu, preżenti fil-Kelma, ixandar il-Vanġelu" (*Ordni ġenerali tal-Missal Ruman*, 29). U kemm drabi, hi u tinqara l-Kelma ta' Alla, tisma' l-kummenti: "Ara dak..., ara dik..., ara x'kappell libset dik: kemm hu tad-daħk...". U nibdew ngħaddu l-kummenti. Mhux veru? Hemm bżonn ngħaddu l-kummenti waqt li tkun tinqara l-Kelma ta' Alla? Le, għax jekk int toqgħod tpaċpaċ man-nies, m'initx ħa tisma' l-Kelma ta' Alla. Meta tinqara l-Kelma ta' Alla fil-Bibbja – l-Ewwel Qari, it-Tieni, is-Salm Responsorjali u l-Vanġelu – irridu nagħtu widen, niftħu l-qalb tagħna, għax hu Alla nnifsu li jkellimna, u toqgħodx taħseb f'affarijiet oħra jew titkellem fuq ħwejjeġ oħra.

*Il-Papa Franġisku*



### FESTA TA' LOURDES

Nhar is-Sibt 16 ta' Frar niċċelebraw il-Festa Parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes. Nistednukom għall-quddiesa fis-6.00pm u wara l-purċissjoni bit-talba tar-Rużarju għall-morda. Dawk li jixtiequ li b'mod sigriet nitolbu għal xi morda partikulari, ikellmu lill-Arċipriet matul din il-ġimgħa.

### GRUPP TAL-KOPPJI

Nhar is-Sibt 16 ta' Frar fis-7.30pm jiltaqa' l-Grupp tal-Koppji fiċ-Ċentru Parrokkjali. Se tkun immexxija minn Dun Raymond Portelli, missjunarju fil-Perù. Inħeġġu l-koppji kollha jattendu. Ikun hemm is-servizz ta' *child minding*.

### INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES

| | |
|---|---|
| 10-02-2019 | Melchior u Marċella Cassar |
| 11-02-2019 | Ġorġa Grech |
| 12-02-2019 | Bernardo u Ġuża Masini |
| 13-02-2019 | Toni, Maria u Frank Attard |
| 14-02-2019 | Virginia, Ġorġ u Grace Frendo |
| 15-02-2019 | Familja Mercieca |
| 16-02-2019 | Ġuża u Marċell Micallef u Frances Grima |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM